MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 580/2002/2

**Joseph u Victoria konjugi Tanti**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-atturi l-konjugi Tanti huma genituri ta' binhom minuri li twieled fl-14 ta' Lulju 1985 bl-isem ta' Nikol Tanti; u

Illi bi zvista dan it-tifel tnizzel bhala "Nikol" fic-certifikat tat-twelid, meta fil-fatt l-atturi riedu li isem il-wild taghhom jitnizzel bhala "Nicholas", u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

Illi l-minuri huwa konsistentement imsejjah u maghruf bl-isem ta’ “Nicholas”; u

Illi ghalhekk fl-Att tat-Twelid tal-minuri li jgib in-numru tal-iskrizzjoni tlieta sitta hamsa wiehed tas-sena elf disa’ mija u hamsa u tmenin (3651/1985) l-isem tal-minuri huwa erronjament indikat bhala “Nikol” meta fil-fatt l-atturi riedu li jitnizzel bhala “Nicholas”;

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li isem il-minuri huwa “Nicholas” u mhux “Nikol”;

2. Tordna li jsiru l-korrezzjoni mehtiega fl-att tat-twelid tal-minuri hawn esebit bhala Dok “A” fis-sens illi fil-kolonna msejha “Ismijiet Moghtijin” jitnehha l-kliem “Nikol” u jigu sostitwiti bil-kliem “Nicholas”, u fil-kolonna “Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” tigi mnehhija l-kelma “Nikol” u tigi sostitwita bl-isem “Nicholas”;

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fid-dokumenti pubblici fejn jidher isem il-minuri fis-sens illi kull fejn isem il-minuri huwa ndikat bhala “Nikol” jinbidel u jigi sostitwit bl-isem “Nicholas”;

4. Tordna li jsir id-debitu avviz fil-Gazzetta tal-Gvern tas-sostituzzjoni tal-isem tal-minuri minn “Nikol” ghal “Nicholas” u dana *ai termini* tal-Art. 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez u b’hekk minn issa l-konvenut jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 5 tal-process;

Rat li fit-23 ta’ Settembru 2002, inghata digriet tal-affidavit attur b’terminu ta’ sittin (60) jum.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku tat-3 ta' Dicembru 2002 a fol. 14 fejn gie eccepit:-

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid numru 3651 tas-sena 1985 mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

3. Illi d-dokumenti pubblici fejn l-atturi jixtiequ jaghmlu l-korrezzjonijiet *se mai* t-talbiet jigu milqugha ghandhom jigu specifikati minnhom.

4. Illi l-Avukat Generali ghadu ma giex notifikat b'din ic-citazzjoni skond l-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 15 tal-process.

Rat il-verbal tat-30 ta' Jannar 2003 fejn l-attrici kkonfermat id-dikjarazzjoni taghha bil-gurament. Id-difensur taghha Dr. Edward Gatt iddikjara li m'ghandux provi aktar. Il-konvenut u d-difensur tieghu msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. In vista ta' dan il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 13 ta' Frar 2003. Aktar tard deher Dr. Hubert Theuma ghall-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku li ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni attrici u wkoll irrimetta ruhu ghall-provi.

Rat li saret il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16**.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta' iben l-atturi li jgib l-isem ta' Nikol, numru 3651/1985 *stante* li l-istess atturi qed isostnu li dejjem kien maghruf bl-isem ta' "Nicholas" u mhux "Nikol" kif jinsab indikat fl-istess Certifikat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kontestati, u jidher palezament li sar zball fic-Certifikat tat-Twelid ta' l-istess attrici, fis-sens illi gie ndikat erronjament l-isem "Nikol" meta fil-fatt l-isem korrett huwa "Nicholas".

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba *stante* li saret il-pubblikazzjoni rikjesta, **tilqa' t-talbiet attrici** l-ohra kollha kif dedotti fic-citazzjoni, b'dan illi:-

1. Tiddikjara li isem il-minuri huwa "Nicholas" u mhux "Nikol";

2. Tordna li jsiru l-korrezzjoni mehtiega fl-att tat-twelid tal-minuri hawn esebit bhala Dok "A" fis-sens illi fil-kolonna msejha "Ismijiet Moghtijin" jitnehha l-kliem "Nikol" u jigu sostitwiti bil-kliem "Nicholas", u fil-kolonna "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" tigi mnehhija l-kelma "Nikol" u tigi sostitwita bl-isem "Nicholas";

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fid-dokumenti pubblici fejn jidher isem il-minuri fis-sens illi kull fejn isem il-minuri huwa ndikat bhala "Nikol" jinbidel u jigi sostitwit bl-isem "Nicholas";

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** kull korrezzjoni hawn ordnata ghanda ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-Kap 16.

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu sopportati mill-istess atturi, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------